**SEMINARJU TAL-QALB TA' ĠESÙ**

It-Tieni Ċiklu

**MARK BONELLO**

# IL-PEDOFILIJA

Xogħol ippreżentat bħala parti

mill-kors tas-Sesswalità Umana

**Rabat Għawdex**

**Mejju 2010**

# WERREJ


1. Il-Każ 3

2. Id-Definizzjoni tat-Terminu 4

3. Karatteristiċi tal-Pedofilu 7

4. Il-Liġi u l-Pedofilija 13

5. Il-Knisja u l-Pedofilija 15

6. Konklużjoni 18

7. Biblijografija 19

# 1.
# IL-KAŻ

Titu u Kajju huma żewġ abbatini ta' 13-il sena fil-parroċċa tal-kappillan Dun Ċiprijan. Darba waħda Titu jistqarr ma' Kajju li Dun Ċiprijan kien abbużah sesswalment aktar minn darba. Kajju inkorraġġieh biex jitkellem ma' xi ħadd li jista' jgħinu u offrielu li jgħinu jiftaħ qalbu ma' saċerdot ieħor li hu kien jaf tajjeb. Titu aċċetta u hekk għamlu. Dan is-saċerdot, li miegħu fetaħ qalbu Titu, mar dritt għand l-Isqof biex jinfurmah bl-abbużi li kienu qed isiru minn Dun Ċiprijan.

L-isqof sejjaħ lil Dun Ċiprijan u talbu raġuni u spjega ta' għemilu. Dun Ċiprijan fid-difiża tiegħu nsista li hu ma għamel xejn ħażin iżda kien l-abbati li mar għandu jistaqsieh fuq affarijiet tal-'iżvilupp'. Hu sostna li kull ma għamel għamlu biex jedukah u li l-abbati kien sodisfatt b'li għamlu flimkien. L-Isqof iddeċieda li jkun aħjar li jwaqqaf lil Dun Ċiprijan minn kappillan f'dik il-parroċċa u jibgħatu f'post ieħor biex jibda mill-ġdid, basta jiġi sorveljat u ma jkunx f'kuntatt mat-tfal.

Għamel sew is-saċerdot li kixef lil ħuh fis-saċerdozju (Dun Ċiprijan) mal-Isqof?

Għamel sew l-Isqof li bagħat lil Dun Ċiprijan f'post ieħor biex jibda mill-ġdid basta jkun sorveljat u li ma jkollux kuntatt ma' tfal?

# 1.
# ID-DEFINIZZJONI TAT-TERMINU

Il-Kelma Pedofilija ġejja minn kelma griega "paidofilija" : "pais" li tfisser "tifel" jew "tifla" (*child*); u "filija" li tfisser "imħabba , ħbiberija". Paidofilija ġiet użata minn poeti griegi biex tiehu post il-kelma pederastija.[1]

It-terminu *paedophilia erotica* ġie użat fl-1886 mill-psikjatra Awstrijak-Ġermaniż Richard von Krafft-Ebing fil-kitba tiegħu *Psychopathia Sexualis.* Hu ddeskriviha b'dawn il-karatteristiċi:

- L-interess sesswali lejn tfal jew pre-pubexxenti jew fil-bidu tal-pubertà
- L-interess sesswali huwa primarjament wieħed u esklussivament lejn tfal
- L-interess sesswali jibqa' għal tul ta' żmien

Definizzjoni wisa' għal din tinkludi l-adolexxenti u prepubexxenti. Però, xi esperti jżidu l-kriterju li l-interess ikun lejn tfal tal-inqas ħames snin iżgħar l-agent.

Il-kelma pedofilija, li fil-passat kienet tirreferi għal adult li hu miġbud sesswalment minn tifel jew tifla pre-pubexxenti (li jinsabu fil-fazi ta' qabel il-pubertà) issa bdiet tirreferi aktar għal persuna li t abbuża sesswalment tifel jew tifla pre-pubexxenti.[2]

---

[1] *Pedophilia* (2008)(on-line) : http://www.translationdirectory.com.htm

L-użu ta' dat-terminu biex jirreferi lil dawk kollha li jabbużaw sesswalment mit-tfal hija problematika u jeżistu diversi dibattiti. Hemm min jissuġġerixxi li l-ġibda sesswali lejn tfal tista' tiġi kkunsidrata bħala orjentazzjoni sesswali fiha nfisha[3] għax id-definizzjoni ta' orjentazzjoni sesswali hija attrazzjoni li ma tinbidilx għall-ħajja, u l-pedofilija ma' tinbidilx.

Xi termini relatati mal-pedofilija huma[4]:

- **L-efebofilija**, magħrufha ukoll bħala **Ebefilija**, hija l-kundizzjoni li tkun primarjament jew esklussivament miġbud sesswalment lejn adolexxenti. Dawn it-termini huma użati f'kuntrast ma' pedofilija. Madanakollu, pedofilija hija xi drabi użata b'mod aktar wiesgħa fid-dinja tal-punent biex tfisser ukoll għal efebofilija u għal ġibda lejn tfal żgħar, jiġifieri, kull persuna taħt l-età tal-kunsens.
- **Pederastija** huwa terminu użat biex jirreferi għall-ġibda lejn subien adolexxenti, jew akbar, ta' taħt l-età.
- Is-**sindromu Lolita** hu terminu użat biex jirreferi għall-ġibda lejn bniet adolexxenti, jew akbar, ta' taħt l-età.
- **Nepjofilija**, magħrufha ukoll bħala **infantofilija**, hija l-ġibda lejn trabi u tfal żgħar (normalment ta' età bejn 0 sa 3 snin). Xi esperti jagħmlu distinzjoni bejn pedofeli u nepjofili, għax normalment il-pedofilu ma jippreferxi trabi jew tfal żgħar ħafna.
- Pedofilija **sitwazzjonali**, **opportunistika** jew **rigressa**, hija meta persuni jabbużaw sesswalment minn tfal però ma jilħqux il-kriterji propji ta' pedofilu. Dawn li jabbużaw sitwazzjonalment jagħmlu dan għax ikunu għaddejjin minn żmien ta' stress; jabbużaw meta jkunu kbar fl-età; għandhom inqas vittmi, u ħafna drabi jkunu familjari; u għandhom preferenza ġenerali għall-adulti. Il-pedofili propji huma l-opposti ta' dawn: jibdew minn età żgħira; ħafna drabi jkollhom numru kbir ta' vittmi u li ħafna drabi ma jkunux familjari; huma aktar imħeġġa biex

---

[2] F. Berlin, *Treatments to Change Sexual Orientation*, in *American Journal of Psychiatry,* vol. 157 in New World Encyclopedia, *Pedophilia* (2008)(on-line) : http://www.newworldencyclopedia.org/entry/Pedophilia

[4] Ara New World Encyclopedia, *Pedophilia* (2008)(on-line) : http://www.newworldencyclopedia.org

> joffendu; u għandhom stil ta' ħajja offensiva. Eżempju, pedofili li jabbużaw minn tfal ħafna drabi jiddeludu lilhom infushom li dak li qed jagħmlu huwa għall-benefiċċju tal-iżvilupp u tal-istima tat-tfal, jew li t-tifel jew tifla qed tieħu pjaċir b'dawn l-atti.[5]

Xi psikjatri jżommu li 4% mill-populazzjoni jilħqu l-kriterji biex jissejħu pedofili. Oħrajn ikkonkludew li tal-inqas kwart mill-irġiel adulti jista' jkollhom xi tqanqil f'konnnessjoni mat-tfal. Studji oħra juru li anke rġiel li b'mod fiss huma miġbuda lejn nisa adulti ġeneralment jistgħu jitqanqlu x'ħin ikunu esposti għal bniet nudi.[6]

[5] Psychology Today's Diagnosis Dictionary: Pedophilia in New World Encyclopedia, *Pedophilia* (2008)(on-line) : http://www.newworldencyclopedia.org

[6] New World Encyclopedia, *Pedophilia* (2008)(on-line) : http://www.newworldencyclopedia.org

# 2.
# KARATTERISTIĊI TAL-PEDOFILU

---

"Jien pedofilu għal dejjem. Jogħġbuni n-nisa adulti, u nħossni miġbud lejhom sesswalment ukoll – imma fl-aħħar mill-aħħar inħoss li jien pedofilu u inħobb il-bniet żgħar. Nippreferi l-kumpanija tagħhom il-ħin kollu u possibilment kullimkien. Għalija, l-aktar li jeċċitawni huma l-bniet żgħar ta' minn 8 sa 12-il sena. Aktar niffantasizza b'dawn milli b'nisa adulti. Ma nafx kif naqbad nispjegaha, però jien miniex xi persuna agħar minnek! Jien sempliċement għandi xewqa għalihom, nixtieq nagħmel imħabba magħhom u nħosshom maġenbi."[7]

Din il-kwotazzjoni hija meħuda minn raġel anonimu li ma jiddejjaqx jesprimi kif jaħsibha hu dwar il-pedofilija. Mhux biss ma jara xejn ħażin fiha iżda jaraha bħala *freedom of choice*. Din l-idea falza li għandu fuq il-pedofilija hija tant perversa li aktar 'il quddiem ikompli jqabbilha ma' kull għażla libera ta' orjentazzjoni sesswali oħra bħall-omosesswalità.[8]

Dan l-eżempju anonimu huwa dak li normalment ikun għaddej minn moħħ ta' pedofilu. Ħafna drabi jsibu rwieħhom f'atteġjament ta' *denial*, jiċċdu li qed jagħmlu ħażin u jżommu l-punt li t-tfal qed jiġu edukati għall-ġid tagħhom u li t-tfal stess ħadu gost jagħmlu dawk l-atttivatijiet li wettqu. Il-pedofili m'għandhomx wisq kompassjoni lejn il-vittmi tagħhom u rari jesprimu xi rimorsi. Huma saħansitra jakkużaw li l-vittma tiġi għandhom, u jżidu jgħidu li ġew ittentati minnhom u anke minsuba (*trapped*).

---

[7] THE PEDOPHILIA EDUCATION WEBSITE MIRROR, http://lege.cz/win.en/archiv/pedo/.htm in *Pedophilia Research Paper* (2009)(on-line) : www.researchpaper.com

[8] Ara *Ibid*.

Forsi wieħed isaqsi: x'jikkawża l-pedofilija? Jeżistu diversu teoriji dwar l-oriġini tal-parafiliji, imma l-kawża jew kawżi tal-pedofilija xorta waħda għadhom mhumiex magħrufha totalment. Hemm teoriji li jvarjaw minn żbilanċi kemikali fil-moħħ, għal kundizzjoni ġenetika, sa anke *behaviours* li tgħallmu. Studji li kienu saru fil-passat dwar l-imħuħ ta' pedofili urew li teżisti differenza fil-mod ta' kif jirreaġixxu għal tibdil fil-*hormone levels*, għalkemm xejn ma kien ppruvat b'mod ċar.[9]

Teorija oħra li ħafna jżommuha tgħid li abbuż sesswali fit-tfulija tista' tikkawża li persuna ssir pedofila hi stess.[10] Madanakollu, terz tal-pedofili rrapurtaw li ġew abbużati meta kienu tfal.[11] Hemm varjetà oħra ta' fatturi riskjużi maħsuba li jwasslu biex wieħed ikun pedofilu. Ħafna minnhom huma problemi psikoloġiċi tul it-tfulija jew żmien il-pubertà. Però il-kontroversji dwar dan is-suġġett ħafna drabi jagħmlu dan l-istudju u tiftix diffiċli ħafna.

Dal-proċess biex jiġi determinat kif il-pedofilija tiġi ikkważata huwa wieħed li għadu dejjem sejjer. Però hemm diversi fatturi u karatteristiċi li jagħtu ħjiel u jiddeterminaw min hu pedofilu. Kif ġà għidt, it-tifsira mhijiex mifhuma eżattament l-istess kullimkien però kulħadd jifhem li pedofilu huwa dak li jkollu fantażija u xewqat sesswali intensi ripetutivament, li jara, jmiss, jew jingħaqqad f'atti sesswali ma' tfal prepubexxenti, u li jibqgħu jġorru dawn x-xewqat u l-fantażiji.[12] Ta' min jinnota li skond diversi studji disa' minn għaxra tal-pedofili huma irġiel u minnhom hemm li huma miġbuda kemm għal subien, kemm għal bniet, kif ukoll għat-tnejn. Dan kollu m'għandux jeskludi li ma jeżistux pedofili femminili. Jeżisti studju ieħor li jgħid li l-interazzjonijiet

---

[9] New World Encyclopedia, *Pedophilia* (2008)(on-line) : http://www.newworldencyclopedia.org

[10] Psychology Today's Diagnosis Dictionary: *Pedophilia* in New World Encyclopedia, *Pedophilia* (2008)(on-line) : http://www.newworldencyclopedia.org

[11] J. Cloud, *Pedophilia,* in *Time Magazine* (29th April 2002).

[12] R.J. Comer, *Abnormal Psychology* (5th Edition), New York 2002 in *Pedophilia Research Paper* (2009)(on-line) : www.researchpaper.com

sesswali bejn nisa adulti u tfal huma aktar imferrxa milli wieħed jassumi.[13] Dan l-aħħar in-numru ta' każijiet magħrufa ta' pedofili femminili qed jikber uko ll frott il-ħidma tal-*media* li qed tgħin lil vittmi biex issir magħhom ġustizzja.

Dawn il-pedofili normalment jibdew bħala nies 'normali' li jixxokjaw irwieħhom ħafna meta jindunaw bil-preferenza ċara li għandhom għall - prepubexxenti.[14] Però l-proċess tat-transizzjoni minn sesswalità soċjalment aċċettata għall-pedofilija (li hija kkundannata) huwa wieħed misterjuż. Nistgħu nifhmu aktar lil dawn il-persuni meta nagħrfu kif huma jħarsu lejn id-dinja ta' madwarhom. Għal pedofili:

1. **Is-sess mat-tfal hu b''xejn' u hu ta' 'sogru'**. Permezz tal-atti li jwettaq il-pedofilu jissodisfa l-għatx għas-sens ta' omnipotenza u immunità. Il-fatt li qed imur kontra l-liġijiet u l-kultura tas-soċjetà jagħtih gost li jdaħħlu f'ċirku vizzjuż. Is-sens ta' ħajja lleċita jsir żvog għall-bżonn urġenti biex jgħix ħajja perikoluża u ta' sogru. Il-pedofilu ħafna drabi jkun qed jipprova jsib kontrol fuq ħajtu. Hemm studji li jaffermaw li l-pedofilija hija assoċjata ma' mumenti diffiċli fil-ħajja (gwererr, għaks, epidemiji) u kriżijiet kbar fil-ħajja tagħhom (mewt ta' xi ħadd qarib, divorzju, nuqqas ta' xogħol, fallimenti, mard). Hemm min iżomm ukoll li l-pedofilu tipiku huwa dipressiv u b'personalità ambigwa li tidher fin-nuqqas ta' ċarezza fil-*boundaries*. Ħafna drabi jkollu stima baxxa tiegħu nnifsu u jkun jbati mill-ansjetà tal-abbandun li tagħmlu dipendenti fuq xi ħadd jew indipendenti għal kollox.

2. **Is-sess mat-tfal hu ħażin u dekadenti** . Il-pedofilu jagħmel użu ta' *projection* (għalkemm inkonxja) u *projective identification* fir-relazzjoni tiegħu mat-tfal. Hu jġiegħel il-vittmi tiegħu jitrattawh bil-mod kif jara lilu

[13] Bradford et al., 1988; Groth & Birnbaum, 1978; Rigton, 1981 in Okami Paul – Amy Goldberg, *Personality correlates of Pedophilia. Are They Reliable Indicators?,* in *The Journal of Sex Research,* Vol. 29, No. 3 (Aug., 1992), 297-328.

[14] Vaknin Sam, *Pedophilia and Fetishism. Sexual Paraphilias* (2009)(on-line) : http://samvak.tripod.com

nnifsu – jew jattribwixxilhom karatteristiċi u mġibiet li huma propjament tiegħu. Huwa jaf kif tħares is-soċjetà lejn dak li jagħmel hu, bħala att ħażin, korrott, u dekadenti. Però jiehu pjaċir għall-fatt li qed imur kontra l-kurrent biex ikompli jafferma l-immaġni tiegħu nnifsu bħala il-ħażin, il-fallut, il-ħati. F'każijiet estremi, huwa jipproġetta dawk is-sentimenti degradanti u perċezzjonijiet tiegħu nnifsu fuq il-vittma. It-tfal abbużati mill-attenzjoni sesswali tiegħu għalhekk isiru imħassra, u oġġetti ħżiena, ħatja u ta' min jikkastigahom. Dan iwassal għal sadiżmu sesswali, rejp żieni, u qtil iffilmjat.

3. **Is-sess mat-tfal huwa '*reenactment*' ta' passat mimli ġiegħ.** Ħafna pedofili jintrabtu tajjeb mall-vittma. Għalihom, it-tfal jġibulhom preżenti s-sens ta' innoċenza, ġenwinità, fiduċja, fedeltà – kwalitajiet li l-pedofilu jixtieq jeġġa' jħaddan nostalġikament. Ir-relazzjoni mat-tifel jew tifla tipprovdi lil pedofilu 'passaġġ sigur' lejn it-tifel ripressat u mbeżża' li hemm fih (*inner child*). Permezz tal-vittma, huwa jikseb aċċess għall-emozzjonijiet suppressi u mgerfxa u tgħinu jegħleb is-sens ta' misħija, umiljazzjoni, u n-nuqqas ta' saħħa li kien esperjenza bħala tifel f'idejn adult. Dan il-proċess huwa msejjaħ mit-teoristi "l-identifikazzjoni mal-agressur".[15]

4. **Is-sess mat-tfal huwa '*shared psychosis*'[16].** Il-pedofilu jitratta t-tifel jew tifla 'tiegħu' bħala oġġett, bħala estensjoni tiegħu nnifsu. Huwa jsib is-sottomissjoni tal-vittma gratifikanti. Billi jintimidizza, jheddu, jagħmel *promises* falzi, l-abużżatur jiżola l-vittma tiegħu mill-familja tagħha, mill-iskola, u mill-bqija tas-soċjetà, biex il-vittma tkun tiddependi totalment minnhu. Għalih, il-vittma hija oġġett transittiv – huwa oġġett li fuqu jista' jeżerċizza l-ħila relazzjonali adulta. Huwa jaħseb li l-vittma qatt ma ser titradixxieh jew titilqu, għalhekk tkun tiggarantilu qawwa oġġettiva.

---

[15] Finkelhor David – Sharon Araji, *Explanations of Pedophilia. A Four Factor Model,* in *The Journal of Sex Reseach,* Vol.22, No.2 (May, 1986), 151.

[16] *Shared psychosis* hija diżordni mentali ta' delużjoni ixxerjata bejn tnejn jew aktar li jkollhom rabta qawwija bejniethom. Din id-delużjoni tikber f'individwu f'kuntest ta' relazzjoni ma' persuna oħra jew aktar.

Huwa jagħmel użu mill-vulnerabilitajiet tal-binja psikoloġika tal-vittma bil-moħbi. Il-vittma ħafna drabi jkollha stima baxxa tagħha nfisha, temmen li m'hi kapaċi għal xejn, ma' tafx tiddefendi lilha nfisha, għandha fobiji, għandha problemi mentali, diżabilità, passat ta' fallimenti, relazzjonijiet ħżiena mal-ġenituri, aħwa, jew għalliema, tendenza li tieħu t-tort dejjem, jew li tħossha dejjem inutli. Jista' jkun li l-vittmi jkunu ġejjin minn familja bi sfond vjolenti li jikkondizzjonahom biex jistennew l-abbuż bħala xi ħaġa inevitabli u normali. Il-Pedofilu ħafna drabi jħossu fil-poter u juża d-dixxiplina, għalhekk huwa jistenna ubbidjenza mill-*partner* tiegħu. Hu jħossu mistħoqq li jkun adurat u mgħoti trattamenti speċjali miċ-*child-mate* tiegħu. Hawn it-tifel jew tifla jsibu rwieħhom f'żona oskura. Il-pedofilu jimponi fuq l-vittma din ix-'*shared psychosis*', u jdaħħlilha f'moħħha delużjonijiet ta' għedewwa, u biżgħat oħra biex kollox jibqa sigriet. Huwa jkun irid jikkontrolla kollox u għalhekk jagħmel minn kollox biex tgħaddi dejjem tiegħu. Il-pedofilu ma jirrispettax il-*boundaries* u l-privatezza tal-vittma, u dan ġgriji għax jitrattaha bħala oġġett jew strument ta' gratifikazzjoni. Peress li dan huwa wieħed mill-għanijiet prinċipali tiegħu, huwa għandu tendenza li jenfasizza fuq l-iċken żball tal-vittma u imbagħad jesaġera dwar id-dehra sabiħa, t-talenti, u l-karatteristiċi pożittivi tal-vittma. Għalhekk minn dan nindunaw kemm il-pedofili mhumhiex realistiċi dwar dak li jridu u jixtiequ, però lanqas huma boloh għax jafu jaslu xorta waħda. Pereżempju, persuni bħal dawn, jaħdmu bis-sħiħ biex jimmanipulaw it-tfal billi l-ewwel jagħmlu ħbieb mal-familjari (eż. xi *single mother*) ħalli jsiru aktar midħla tat-tfal u jgħatu l-impressjoni li huma *safe*. Maż-żmien jibdew taparsi jibnu l-istima tat-tfal billi jirreferu għalihom bħala maturi u li għandhom ikunu jafu ċertu affarijiet u jesperjenzawhom. Imbagħad ġieli jaslu biex juru lil vittmi tagħhom xi materjal pronografiku, jew joffru alkoħol u drogi biex idagħajfu l-vittma u ma tiftakarx dak li jkun ġara.

5. **Il-pedofilu jħares lejn is-sess mat-tfal bħala *ego-booster*.** It-tfal huma inferjuri u fiżikament aktar dgħajfa, dipendenti minn oħrajn għall-bżonnijiet tagħhom, emozzjonalment immaturi, u manipulati faċilment. Dawn il-

karatteristiċi tal-vittma huma ta' għajnuna kbira biex il-pedofilu jħossu omnipotenti. Xi femministi jgħidu li l-irġiel jippreferu jirrelataw ma' sieħba li hija iżgħar fl-età u fid-daqs, u dgħajfa aktar minnhom. It-tfal għandhom dawn il-karatteristiċi jew huma estensjoni inevitabli ta' dawn il-bżonnijiet biex jkollhom dan l-irwol.[17]

6. **Is-sess mat-tfal jiggarantixxi l-kumpanija.** Inevitabilment, il-pedofili jżommu l-vittma tagħhom bħala l-aqwa ħabiba. Huma persuni "ta' weħidhom" (lonely) u b'xewqat sesswali anormali u persistenti. Is-sess huwa mod ta' kif jikkomunika l-affezzjoni għall-vittma tiegħu. Però hemm modi oħra wkoll. Biex juri dan l-interess tiegħu, il-pedofilu komuni jċempel sikwit lill-vittma, jiltaqa' magħha, jibgħatilha *e-mails*, *smss*, rigali, jipprovdi servizzi u għajnuna, jidħol f'relazzjoni mal-ġenituri, għalliema, u ħbieb tagħha, u b'mod ġenerali jagħmel lilu nnifsu disponibbli kull ħin. Huwa jħossu ħieles li jagħmel deċiżjonijiet finanzjarji, emozjonarji u legali għat-tifel jew tifla. Il-pedofilu xejn ma jibdillu fehemtu li l-vittma tħobbu, lanqas jekk l-istess atteġjament ta' ċaħda mill-vittma jkun ovvju. Huwa jemmen li la l-vittma u lanqas l-ġenituri tagħha ma taf daqsu x'inhu l-aħjar għaliha u għalhekk jħoss li hu għandu dan il-kompitu: li jġib il-ferħ fil-ħajja imdejjqa tat-tifel jew tifla. Jekk il-pedofilu "jiġi f'tiegħu" u jinduna li l-vittma qed titbiegħed minnu huwa jsir vjolenti u jara x'jgħamel biex jeqred is-sors ta' dan il-kunflitt. Hemm ukoll studju li jgħati raġunijiet għalfejn pedofilu jagħżel tifel u mhux tifla, u viċe-versa. Ovvjament l-għażla hija frott l-isfond u l-passat tal-pedofilu. Bħal pereżempju, jekk huwa jkollu mekkaniżmu ta' indentifikazzjoni narċisissta, x'aktarx li se jkun miġbud lejn tfal ta' l-istess sess. U jekk il-bżonn tiegħu huwa li jkun b'saħħtu u omnipotenti, l-adult se jippreferi tifla, għax tista tkun anqas ta' theddida minn tifel.[18]

---

[17] Ara Finkelhor David – Sharon Araji, *Explanations of Pedophilia. A Four Factor Model,* in *The Journal of Sex Reseach,* Vol.22, No.2 (May, 1986), 149.

[18] Ara *Ibid*, 156-7.

# 3.
# IL-LIĠI U IL-PEDOFILIJA

Il-Pedofilija mingħajr l-abbuż mhijiex delitt. Ġieli wieħed ma jistax jiġi ġġudikat mill-qrati għax iħossu miġbud lejn it-tfal, jekk qatt ma abbużax. Però meta wieħed jimxi fuq din il-ġibda, jkun qed jagħmel delitt.

Attività sesswali bejn adulti u tfal prepubexxenti hija kkonsidrata abbuż sesswali fuq it-tfal, kważi dejjem, u llegali kważi fil-pajjiżi kollha. Però jeżistu xi differenzi fil-liġijiet ta' pajjiżi minn oħrajn għall-fatt li mhux kull pajjiż għandu l-istess liġijiet dwar l-età tal-kunsens, u liġijiet oħra li jaffetwaw il-legalità tas-sess mat-tfal f'ċertu ġurisdizzjonijiet. L-att sesswali huwa normalment permess ta' bejn l-etajiet ta' 16 u 18, imma f'pajjiżi oħra jista' jkun għoli sa 21 sena jew baxx sa 12-il sena, jiddependi mill-pajjiż. F'pajjiżi fejn l-età legali tal-kunsens huwa baxx, bħal Franza u l-Brażil, l-*media* prinċipali toqgħod lura milli tuża termini bħal pedofilija jew pedofilu biex tirreferi għal relazzjonijiet kunsenswali bejn adulti u adolexxenti.[19]

Il-pornografija tat-tfal, prostituzzjoni tat-tfal, u l-użu tal-internet biex jiġu mlaqqgħin tfal għas-sess huwa normalment illegali, jiddependi mill-ġurisdizzjoni. Xi persuni bi storja ta' attività sesswali mat-tfal jistgħu jiġu mpeduti bil-liġi milli jkunu qrib ta' tfal jew jaħdmu f'pożizzjojiniet li jpoġġuhom qrib ta' tfal, anke milli jużaw mowbajls, kompjuters, internet, jew ġugarelli tat-tfal.

Għal ħafna snin, is-soċjeta tal-punent kkonsidrat s-sess bejn it-tfal u l-adulti bħala tabù, legalment, soċjalment, u moralment. Pedofili ġew ġġudikati

---

[19] NEW WORLD ENCYCLOPEDIA, *Pedophilia* (2008)(on-line) : http://www.newworldencyclopedia.org

bħala kriminali mill-qrati, midinba mit-teologi, u li jbatu minn diżordni psikoloġiċi skond il-professjonisti. Però bil-mod il-mod din is-sitwazzjoni qed tinbidel.

Illum jeżistu diversi gruppi li qed jibdlu l-idea jew l-*image* tal-pedofilu. Dawn jenfasizzaw liħafna pedofili jitwieldu hekk u ma jistgħux jinbidlu". [20] Ikomplu jgħidu li pedofilu li jħobb jista' joffri kumpanija, sigurtà u protezzjoni li ħadd mill-ġenituri, għalliema, u ħbieb ma jistgħu joffru lill-vittma. Assoċjazzjoni ta' psikjatri amerikani għamlu studju li minnu kkonkludew li mhux kull relazzjoni ta' pedofilu hija perikoluża u ta' ħsara. [21] Il-ħsara ma tiġix mill-esperjenza sesswali iżda mill-fatturi negattivi tal-familja li minnha tkun ħierġa l-vittma. Dawn jgħidu ukoll li kliem bħal 'abbuż sesswali ta' tfal', u 'vittmi ta' abbuż' m'għandhomx jibqgħu jiġu użati.

Dan kollu se jwassal biex jiġi ripetut il -proċess ta' kif l-omosesswalità ġiet 'normalizzata', jiġifieri li m'għadiex diżordni psikoloġika. F'manwàl dijanjostiku, persuna m'għandiex aktar diżordni psikoloġika sempliċement għax abbużat tifel jew tifla. Biex wieħed ikollu din id-diżordni, issa, irid jħossu anzjuż dwar l-abbuż li wettaq.[22] Għalhekk din l-assoċjazzjoni ħalliet lok għal pedofili "psikoloġikament normali".

Il-liġijiet ħafna drabi jiġu mmodifikati skond żviluppi li jsiru. Għalhekk ladarba issa l-professjonisti fil-qasam tal-psikjatrija qed jibdin jirrikonoxxu l -pedofilija bħala kundizzjoni li ma tagħmel l -ebda ħsara, il-liġi ċivili u n-normi soċjali se jsibu rwieħhom taħt pressjoni biex jżommu max-xjenza bħalma ġara rigward l-omosesswalità. Meta l-psikjatri ddikjaraw l-omosesswalità normali, xi qrati rrevedew il-liġijiet u bbażaw fuq dak li qalu l-psikjatri.

[20] *Male Intergenerational Intimacy: Historical, Socio-Psychological, and Legal Perspectives* in *The Journal of Homosexuality,* Vol. 20, Nos. 1&2, (1990), 133 in http://www.narth.com
[21] NARTH, *The Problem of Pedophilia* (1998)(on-line) : http://www.narth.com
[22] Rind et alii., *A Meta-analytic Examination of Assumed Properties of Child Sexual Abuse Using College Samples*, in *Psychological Bulletin*, vol. 124 (1), (July 1998), 22-53 in http://www.narth.com

# 4.
# IL-KNISJA U IL-PEDOFILIJA

Kien hemm diversi perjodi fl-istorja li fihom il-Knisja spiċċat mira ta' attakki minħabba l-ħidma tagħha u l-mod kif kienet twettaq din l-istess ħidma. F'dawk is-snin iżda l-attakki kienu marbuta mal-poter politiku u territorjali li kellha fuq il-ġnus u renji li kienu jiddominaw l-istorja Ewropea. Iżda fl-era moderna, qatt daqs dawn l-aħħar snin il-Knisja sofriet attakki kontinwi li xelfu u ċajpru t-tagħlim ta' ħniena tagħha.[23] Il-każijiet riċenti ta' pedofilija nisslu fil-fidili tagħha sens ta' delużjoni għax qatt ma jistgħu jifhmu kif saċerdoti u reliġjużi li jgħallmu mill-pulpti tal-Knisja dwar l-imħabba, l-ħnieni, u l-ġustizzja jaslu biex jabbużaw mill-fiduċja ta' tant familji u mill-innoċenza tat-tfal.

Il-Knisja tikkundanna kull att impur li jsir minn adult mat-tfal u għalhekk taħt dil-kategorija jaqgħu ukoll l-kjeriċi li żbaljaw u abbużaw minn tfal. Għalkemm l-pedofilija ilha teżisti kemm ilu jeżisti l-bniedem, kien f'dawn l-aħħar 40 sena li l-każijiet bdew jiġu orġu fl-apert u bis-saħħa ta' dan id-dinja issa taf aktar dwar il-pedofilija u l-gravità tagħha. Hekk jgħid Mons. Piero Monni l-Osservatur Permanenti tas-Santa Sede f'laqgħa tal-Organizzazzjoni Dinjija tat-Turiżmu dwar l-isfruttament sesswali tat-tfal:

> Kull sena fid-dinja vulnerabli tagħna, miljuni ta' tfal huma sfruttati għas-sess u għall-pornografija. Dawn huma trattati bħallikieku skjavi. Dan kollu qed jiġri minħabba d-domanda tal-ħafna mġewħa għall-innoċenza tat-tfal. Dawn in-nies huma pedofili, u jinsabu dejjem aktar preżenti fid-dinja vasta tat-turiżmu sesswali...
>
> ... il-velu tas-silenzju li żamm għall-sekli sħaħ ġie imċarrat għal kollox. Stejjer ta' pedofilija li jwaħħxuk u ta' turiżmu sesswali fl-aħħar ħarġu għad-dawl u ġew

[23] IVIN CATANIA, *Id-Dilemma tal-Vatikan fuq Omosesswali u Pedofilija, f'It-Torċa* (18 ta' April 2010) 10.

mikxufa mill-*media*. Dan affettwa l-opinjoni tal-pubbliku u wera biċ-ċar is-serjetà u l-gravità tal-problema.[24]

Kien ukoll fl-2001 meta bill-pubblikazzjoni tal- *Motu proprio*, *Sacramentorum Sanctitatis Tutela* (SST) tal-Papa Ġwanni Pawl u II, r-responsabilità biex ġġi ggwidat ir-respons tal-Knisja Kattolika għall-problema tal-abbużi sesswali mill-kleru fuq minuri, ġie assenjat lil Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi. Dan id-dokument kien ġie ppreparat lil Ġwanni Pawlu II taħt il-ħarsien tal-Kardinal Ratzinger bħala prefett tal-Kongregazzjoni. Dan kien sar peress li ma kienx ċar taħt liema Kongregazzjoni jaqgħu delitti gravi bħal dawn.

Minħabba li fl-2002 il-*media* ġibdet l-attenzjoni ta' *cover-up* episkopali dwar kjeriċi li abbużaw minn tfal, l-Konferenza tal-Isqijiet Kattoliċi tal-Istati Uniti ħarġu dokument li fih ppubblikaw kodiċi ta' kondotta għas-saċerdoti, ħaddiema, u voluntiera.[25] Dan kompla jiċċara l-pożizzjoni li għandu jieħu s-saċerdot fil-pastorali tiegħu u l-prekawzjonijiet biex jevita żbalji.

Issa dan l-aħħar kif ġa għidt, reġgħu ħarġu skandli oħra fl-Irlanda. Għalhekk il-Papa preżenti bagħat ittra lill-irlandiżi li fiha ammetta l-iżbalji tal-Knisja li saru mill-agressuri kjeriċi u min-nuqqas ta' attenzjoni tal-isqfijiet filwaqt li wera kompassjoni lejn il-vittmi.[26] F'din l-ittra ta linji gwida rigward il-każi ta' pedofilija biex kemm jista' jkun titwaqqaf iż-żieda ta' każijiet bħal mwettqa minn membri tal-kleru. Kien ukoll fil-jiem li għaddew li l-Vatikan ippubblika linji gwida ta' kif l-Isqfijiet għandhom jimxu fil-każi ta' pedofilija fejn b'mod ċar jew magħrufa bl-obligu li għandu jsir rapport lill-pulizija meta jfeġġ każ simili. Aktar minn hekk f'każi gravi l-Papa jista' jneżża' qassis mil-libsa klerikali tiegħu. Il-

[24] PIERO MONNI, *Statement of the Permanent Observer of the Holy See to the World Tourism Organization at the Meeting on Sexual Exploitation of Children* (2002)(on-line) : www.vatican.va

[25] Ara KANE MICHAEL N., *Sexual Misconduct, Non-Sexual Touch, & Dual Relationships. Risks for Priests in Light of the Code of Pastoral Conduct,* in *Review of Religious Research,* Vol. 48, No. 1(Sep., 2006), 105-110.

[26] IVIN CATANIA, *Id-Dilemma tal-Vatikan fuq Omosesswali u Pedofilija, f'It-Torċa* (18 ta' April 2010) 11.

Vatikan stqarr li dawn il-linji gwida saru possibbli grazzi għall-intervent ta' Joseph Ratzinger fl-2001 meta kien għadu prefett tal-Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi. Iżda sentejn ilu l-istess Papa approva linji gwida oħra, li tressqu quddiemu mill-prefett preżenti tal-kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi, il-Kardinal Zenon Grocholewski. Dawn il-linji gwida jagħmluha mandatorja biex isir użu ta' psikologi u psikoterapisti jekk ikun hemm dubju li novizz ikollu tendenzi omosesswali. Dawn il-linji gwida tressqu minħabba li l-omosesswalità hija ġerħa, devjazzjoni u rregolarità li żżomm qassis milli jaqdi dmiru.

Barra l-flus li ħarġu diversi djoċesijiet biex jiħallsu d-dannu tal-abbużi mill-kleru, u barra l-liġijiet u l-prekawzjonijiet li ħarġu mill-Vatikan innifsu, il-Papa iddeċieda li jiltaqa' mal-vittmi hu stess abbużati. Hekk għamel ftit ġranet ilu meta żar pajjiżna bejn is-17 u t-18 ta' April. Stqarrija tal-Vatikan qalet: "Il-Papa ltaqa' ma grupp ta' persuni li kienu abbużati sesswalment minn membri tal-kleru."[27] Huwa kien kommoss bl-istejjer tal-vittmi u esprima l-mistħija u d-dispjaċir tiegħu għat-tbatija li huma u l-familji tagħhom kellhom iħabtu wiċċhom miegħu u assigurahom li l-Knisja qegħda tagħmel, u tibqa tagħmel dak kollu li tista bil-qawwa kollha biex tinvestiga l-allegazzjonijiet, biex issir ġustizzja minn dawk li abbużaw u biex jiġu implimentati miżuri effettivi ħalli jissalvagwardjaw liż-żgħar fil-futur. Din kienet l-ewwel laqgħa mill-Papa mal-vittmi tal-abbużi sesswali mill-kleru minn minndu l-iskandli reġgħu qamu dan l-aħħar xahar.

[27] BBC NEWS, *Pope 'cries with Malta victims'* (2010)(on-line) : www.bbcnews.com

# 5.
# KONKLUŻJONI

---

Mill-kaz jirriżulta li Dun Ċiprijan abbuża minn Titu. Dan hu reat u abbuż serju u s-saċerdot li ġie avviċinat ma kellux triq oħra ħlief li jinforma lill-isqof bl-aġir abbużiv, immorali u illegali ta’ Dun Ċiprijan. Seta’ is-saċerdot avviċina lil Dun Ċiprijan biex jara jekk kienx niedem minn dak li għamel jew kienx konvint li dak li għamel kienx iġġustifikat.

L-isqof għamel sew meta bagħat għalih immedjatament, u x’ħin sema’ l-iskużi ta’ Dun Ċiprijan messu ħa parir professjonali biex ikun konvint x’għandu quddiemu: bniedem li żbalja u nidem jew bniedem li hu konvint moralment minn dak liħg amel; Jara jekk Dun Ċiprijan kienx pedofilu konvint jew bniedem li żbalja u ddispjaċih.

Meta sema’ l-iskużi ta’ Dun Ċiprijan l-isqof wera ħafna ħniena miegħ u għax għalkem bagħtu f’post ieħor b’sorveljanza u li ma jkollux kuntatt ma’ tfal, ħalla l-periklu li seta’ jsir għemil ieħor fil-moħbi. L-isqof deher li kien kawt u ried isalva wiċċ is-saċerdot u forsi wiċċ il-knisja però ma kienx kawt bizzejjed. Ilum żgur li l-isqof ikun aktar aħrax u jitlob li Dun Ċiprijan jieqaf milli jaqdi il-ministeru saċerdotali għax hu wera li hu pedofilu konvint u li ma kienx hemm postu fil-knsja bħala ministru tagħha.

# BIBLIJOGRAFIJA

ALLOY LAUREN B., et als, *Abnormal Psychology*, 9th edition, New York 2005, 371-377.

BBC NEWS, *Pope 'cries with Malta victims'* (2010)(on-line) : www.bbcnews.com

CATANIA IVIN, *Id-Dilemma tal-Vatikan fuq Omosesswali u Pedofilija, f'It-Torċa* (18 ta' April 2010) 10-11.

CLOUD J., *Pedophilia,* in *Time Magazine* (29th April 2002).

FINKELHOR DAVID – SHARON ARAJI, *Explanations of Pedophilia. A Four Factor Model,* in *The Journal of Sex Reseach,* Vol.22, No.2 (May, 1986), 145-161.

GREELEY ANDREW, *Pedophiles and Priests,* in *The American Journal of Sociology,* Vol.102, No. 2 (Sep., 1996), 635-7.

HORLEY JAMES, *Cognitions of Child Sexual Abusers,* in *The Journal of Sex Research,* Vol. 25, No.4 (Nov., 1988), 542-545.

KANE MICHAEL N., *Sexual Misconduct, Non-Sexual Touch, & Dual Relationships. Risks for Priests in Light of the Code of Pastoral Conduct,* in *Review of Religious Research,* Vol. 48, No. 1(Sep., 2006), 105-110.

LEVADA WILLIAM J., *The New York Times and Pope Benedict XVI. How it looks to an American in the Vatican* (2010)(on-line) : www.vatican.va

MONNI PIERO, *Statement of the Permanent Observer of the Holy See to the World Tourism Organization at the Meeting on Sexual Exploitation of Children* (2002)(on-line) : www.vatican.va

NATIONAL ASSOCIATION FOR RESEARCH & THERAPY OF HOMOSEXUALITY, *The Problem of Pedophilia* (1998)(on-line) : http://www.narth.com

NEW WORLD ENCYCLOPEDIA, *Pedophilia* (2008)(on-line) : http://www.newworldencyclopedia.org

OKAMI PAUL – AMY GOLDBERG, *Personality correlates of Pedophilia. Are They Reliable Indicators?,* in *The Journal of Sex Research,* Vol. 29, No. 3 (Aug., 1992) 297-328.

*Pedophilia Research Paper* (2009)(on-line) : www.researchpaper.com

*Pedophilia* (2008)(on-line) : http://www.translationdirectory.com

SCICLUNA CHARLES J., Promoter of Justice at Doctrine of Faith on Pedophilia (2010)(on-line) : www.vatican.va

VAKNIN SAM, *Pedophilia and Fetishism. Sexual Paraphilias* (2009)(on-line) : http://samvak.tripod.com